MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 524/2004

**Antonio (ID 22816M) u Tereza (ID 67924M) konjugi Micallef, u Carmelo Micallef (ID 682655M).**

**-vs-**

**Carmini Farrugia, Charles Farrugia, Paul Farrugia, Domnick Farrugia, Lourdes Farrugia, Mary Anne Farrugia, Rita Farrugia, Sandra Farrugia, Paul Fsadni, Anne Fsadni, Censina Fsadni, Emmanuela Sammut, Charles Fsadni, Ninu Micallef u Saviour Agius.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-16 ta’ Lulju, 2004 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi u l-konvenuti huma sidien ta’ diversi porzjonijiet ta’ raba formanti parti minn territorju akbar imsejjah ‘Tal-Marg’ Triq Tal-Gibjun, kontrada tal-Buskett, Limiti ta’ Had-Dingli, indikata bl-ahmar fuq pjanta tas-sit hawn annessa (Dok MR1), fejn hemm triq fia esistenti biswit ir-raba mertu ta’ din il-kawza indikata bl-isfar fuq l-istess pjanta.

U illi b’kuntratt ta’ assenjazzjoni fl-atti tan-nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini datat wiehed u ghoxrin (21) ta’ Mejju ta’ l-elf disgha mija u sitta u erbghin (1946) gie kostitwit bejn il-kondiventi, predecessuri ta’ l-atturi u l-konvenuti *modus vivendi*, bejn il-gabillotti illi kienu jahdmu r-raba imsejha ‘Tal-Marg’ Triq Tal-Gibjun, kontrada tal-Buskett, Limiti ta’ Had-Dingli, konsistenti fid-dritt ta’ passagg bir-rigel u bil-karrettun ghal kull porzjoni peress illi kinu jokkupaw ir-raba de quo that titolu ta’ cens temporanju.

U illi, il-predecessuri ta’ l-atturi u l-konvenuti, b’kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Tonio Spiteri datat tnax (12) ta’ Ottubru elf disgha mija u sitta u sebghin (1976) kienu xtraw id-dirett dominju annwu u temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal tar-raba imsejjah tal-Marg, u konsegwenzjalment, is-servitu ta’ passagg bir-rigel u bil-karrettun gie kkonsolidat, peress illi saru sidien assoluti.

U illi l-atturi jew il-predecessuri taghhom fit-titolu kienu jaghmlu uzu minn dan il-passagg de quo bir-rigel u bil-karrettun, kif jidher mill-qasma fir-raba u r-rampi mal-fethiet fil-hitan tas-sejjiegh.

U illi bla pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz ir-raba’ ta’ l-atturi jinstab interkjuz, u m’ghadux access ghat-triq, u peress illi l-esigenzi tal-koltivazzjoni tar-raba imsejjha ‘Tal-

Marg' Triq tal-Gibjun, kontrada tal-Buskett, Limiti tar-Rabat, jirrendu bzonnjuz u necessarju d-dritt ta' passagg b'ingenji mekkanici, l-atturi qeghdin jipprevalixxu rwiehom mid-dritt ai termini ta' Artikolu 447 tal-Kap 16 tal-Kodici Civili u jgaghlu l-konvenuti jaghtuhom il-moghdija mehtiega.

U illi l-atturi huma gabillotti, u jaqilghu l-ghejxien taghhom min dan l-imsemmi raba.

U illi l-konvenuti qieghdin icahdu lill-atturi minn dan id-dritt ta' passagg b'ingenji mekkanici u jippermettulhom jghaddu bir-rigel biss bla ebda raguni valida fil-ligi.

U illi minkejja interpellati diversi drabi, il-konvenuti xorta baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-atturi bis-sahha tal-kuntratti precitati, u kif ukoll bil-ligi ghandhom dritt ta' servitu' ta' passagg mhux biss bir-rigel imam ukoll b'ingenji mekkanici ekwivalenti ghal karrettun.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghtu dritt ta' moghdija b'ingenji mekkanici mill-atturi mill-passagg de quo, apparti dak gia esistenti bir-rigel okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi.

3. U fin-nuqqas illi jottempraw rwiehom, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjes tal-konvenuti jaghmlu dawk l-ispejjes necessarji sabiex jirrendu l-moghdija b'ingenji mekkanici possibbli mill-passagg de quo, u dejjem that is-supervizjoni ta' periti teknici.

Bl-ispejjes u bil-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-30 ta' Awwissu, 2004 li permezz taghha eccepew;

1. Preliminarjament in-nullita' ta' l-azzjoni, stante li l-atturi jridu jaghzlu jekk humiex qeghdin jitolbu dritt ta' passagg stabbilit kontrattwalment jew inkella jekk humiex qeghdin jitolbu dritt ta' passagg necessarju, billi z-zewg azzjonijiet huma kontraddittorju u inkompatibbli ma' xulxin;

2. Illi preliminarjament ukoll, jonqos ai termini ta' l-artikolu 156(2) Kap 12 u li l-atturi jippruducu u jesebixxu l-kuntratti minnhom imsemmija u li fuqhm huma bbazati l-pretizi taghhom, apparti li fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu jippruvaw it-titolu minnhom vantat;

3. Illi minghajr pregudizzju, la l-atturi u lanqas il-predecessuri fit-titolu taghhom qatt ma esercitaw l-ebda dritt ta' passagg bil-karrettun mid-data tal-kuntratt ta' l-1946 sal-gurnata ta' llum, b'mod illi kwalsiasi dritt kuntrattwali taghhom ai termini ta' l-imsemmi kuntratt huwa ampjament preskritt ai termini tal-preskrizzjoni trentennali disposta mill-artikolu 2143 Kap. 12;

4. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu sueccepit, kwalsiasi servitu' li setghet giet ikkostitwita mill-allura utilisti ta' l-artijiet *de quo* spiccat mat-terminazzjoni ta' l-enfitewsi ai termini ta' l-artikolu 1522 Kap. 16, liema terminazzjoni sehhet bil-*confusio* legali bejn l-utli u d-dirett dominju msemmi fil-paragrafu 9 tad-dikjarazzjoni tal-fatti attrici;

5. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu sueccepit, dritt ta' passagg bil-karrettun ma jfissirx dritt ta' passagg

b'mezzi mekkanici, u servitu' kostitwita permezz ta' kuntratt hija limitata strettament bit-termini ta' l-istess kostituzzjoni;

6. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu sueccepit, jigi eccepit rigward it-tieni kawzali proposta (irritwalemnt) mill-atturi dwar dritt ta' passagg necessarju illi l-ligi ma taghtix bhala passagg necessarju d-dritt ta' passagg bil-karrettun u wisq inqas id-dritt ta' passagg b'mezzi motorizzati;

B'rizerva li jsiru eccezzjonijiet ulterjuri, specjalment in vista ta' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2005 u l-verbali sussegwenti li permezz taghhom il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eccezjoni hija fis-sens li c-citazzjoni hija nulla ghaliex *l-atturi jridu jaghzlu jekk humiex qed jitolbu dritt ta' passagg stabbilit kontrattwalment jew inkella jekk humiex jitolbu dritt ta' passagg necesarju billi z-zewg azzjonijiet huma kontradittorji u nkompatibbli ma' xulxin.*

Din il-Qorti kif preseduta kellha okkazjoni taghti sentenza fuq meta tigi eccepita n-nullita minhabba li c-citazzjoni ma jkollix tifsira cara, fil-kawza (Astra Limited vs Bank of Valletta). Dakinhar il-Qorti qalet hekk;

*Il-Kodici tal-Procedura jindika li c-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara ta l-oggett u r-raguni ghat-talba. Dan ghal-zewg ragunijiet principali; l-ewwel nett biex il-konvenut ikun*

*f'posizzjoni illi jiddefendi ruhu skond it-talba u t-tieni biex il-Qorti tkun taf ezatt x'inhi t-talba u x'qed jintalab minnha biex tiddeciedi.*

*F'din il-kawza hu minnu li s-socjeta' attrici ma ndikatx ir-raguni ghaliex, skond hi, ir-rahan in kwistjoni hu null. Qalet biss li dan ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza. Dan certament mhux il-mod kif isiru c-citazzjonijiet u min jallega nullita' ta' kuntratt ghandu jghid car u tond ir-raguni ghaliex hemm nullita'. Kif gia' inghad dan ghandu jsir l-iktar biex il-konvenut ikun f'posizzjoni li jintavola l-eccezzjonijiet li jhoss li ghandu jaghmel u mhux f'posizzjoni li ma jistax jiddefendi ruhu adegwatament. Kif intqal fis-sentenza citata mill-istess atturi* <u>KB Estate Limite vs Silvio Felice Limited</u> *(deciza fit-13 ta' Marzu, 2003);*

*Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-valdita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsira ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur.*

*Fl-istess hin sewwa qalu l-atturi li l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar snin inqas kienu propensi illi jiddikjaraw nulli citazzjoni a bazi ta' xi nuqqas fil-format jew kontenut taghha. Certament il-Qrati f'dan l-aspett izommu f'mohhhom ukoll il-fatt li l-ispejjes tal-kawzi illum ma humiex zghar u forsi ma jkunx gust li jigu annullati kawzi minhabba difett fic-citazzjoni. Biss dan ma jfissirx lanqas li wiehed ghandu jaghlaq ghajnejh ghal kollox u jhalli kollox ghaddej, ghaliex il-Procedura ghandha tigi segwita u m'hijiex qeghda hemm ghalxejn. Fuq kollox l-attur ghandu dejjem il-vantagg li jimposta l-kawza hu u ghalhekk hu gust li l-konvenut ikun jaf tajjeb mill-bidu fuq liema binarju l-istess kawza tkun impostata.*

Fil-waqt li hija konsapevoli li l-eccezzjoni odjerna hija

differenti, il-Qorti ma thossx li l-azzjoni kif proposta hija nulla. L-atturi qed jitolbu li jkollhom dritt ta’ passagg b’ingenji mekkanici *oltre* milli bir-rigel; it-talba ghalhekk hija cara bizzejjed. Huwa minnu illi qed jitolbu dan taht zewg kawzali izda f’dan ma hemm xejn hazin. L-atturi qed jitolbu dan l-allegat dritt taht zewg kawzali u ghalhekk iridu jippruvaw dan taht xi wahda minnhom; minn naha taghhom il-konvenuti jafu x’qed jitolbu l-atturi u taht liema pretiza u kwindi huma f’posizzjoni li jiddefendu ruhhom skond il-kaz.

Is-sentenzi citati mill-konvenuti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom kienu kollha jirreferu ghal kawzi fejn it-talbiet kienu gew ritenuti kontradittorji mill-Qorti; f’dan il-kaz it-talba hija wahda u ma jistax ikun hemm ebda kontradizzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni u tordna t-tkomplija tal-kawza. L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------